



16.12.2011

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

**Suġġett:** Petizzjoni 1788/2009, imressqa minn M.T., ta' nazżjonalità Bulgara, dwar fabbrika tal-asfalt f'Sevlievo, fil-Bulgarija

**Petizzjoni 0634/2010 imressqa minn Momchil Minchev, ta' nazżjonalità Bulgara, f'isem l-assoċjazzjoni taċ-ċittadini 'Sevlievo għal Kulħadd' dwar il-bini ta' impjant tal-asfalt fir-reġjun ta' Vidima tan-Natura 2000 viċin ir-raħal ta' Sevlievo fil-Bulgarija u l-ksur assoċjat tad-dispożizzjonijiet ambjentali tal-UE**

### 1. Sommarju tal-petizzjoni 1788/2009

Il-petizzjonant jipprotesta kontra l-bini ta' fabbrika tal-asfalt fil-belt ta' Sevlievo qrib żona protetta tan-Natura 2000 (Vidima - BG0000618). Il-petizzjonant jiġbed l-attenzjoni li l-fabbrika tal-asfalt se jkollha effetti diżastrużi fuq iż-żona protetta u fuq ix-xmara Vidima u li b'mod ċar tmur kontra l-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE. Huwa jsemmi wkoll l-implikazzjonijiet serji għas-saħħa tal-popolazzjoni lokali u li l-proġett se jkollu effett devastanti fuq il-patrimonju tal-arkitettura ta' valur kbir taż-żona, inkluż il-pont antik tal-ġebel fuq ix-xmara Risitsa. Għalhekk, il-petizzjonant jitlob lill-Parlament Ewropew biex jintervieni biex jiġi żgurat li l-proġett jitwaqqaf.

### Sommarju tal-petizzjoni 0634/2010

Il-petizzjonant jirreferi għall-bini ta' impjant tal-asfalt fir-reġjun ta' Vidima tan-Natura 2000 (BG0000618) viċin ir-raħal ta' Sevlievo fit-Tramuntana tal-Bulgarija u l-ksur assoċjat tad-dispożizzjonijiet ambjentali tal-UE. Il-petizzjonant jindika li l-awtoritajiet responsabbli injoraw l-għadd kbir ta' protesti miċ-ċittadini kkonċernati u l-opinjoni tal-perit tal-belt ta' Sevlievo, fejn huwa sostna li l-popolazzjoni lokali tuża ż-żona inkwistjoni għal għanijiet ta' rikreazzjoni u li l-bini tal-impjant tal-asfalt se jibdilha f'żona industrijali. Il-petizzjonant isostni wkoll li ma saret l-ebda evalwazzjoni tal-impatt ambjentali għall-proġett u għalhekk

huwa jistieden lill-Parlament Ewropew biex jiżgura li jitwaqqaf il-proġett.

## 2. Ammissibilità

Petizzjoni 1788/2009: iddikjarata ammissibbli fid-19 ta' Marzu 2010.

Petizzjoni 0634/2010: iddikjarata ammissibbli fit-8 ta' Ottubru 2010.

Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

## 3. Risposta tal-Kummissjoni għall-petizzjoni 1788/2009, li waslet fl-24 ta' Ġunju 2010.

Il-petizzjoni tirreferi għall-bini approvat ta' impjant tal-produzzjoni tal-konkrit tal-asfalt fiż-żona ta' Sevlievo, fis-sit tan-Natura 2000 (Sit ta' Importanza Komunitarja "Vidima - BG0000618"), u għad-deċiżjoni tal-awtoritajiet lokali li jfasslu pjan strutturali ddettaljat (DSP) biex terġa' tingħażel art għal dak il-għan. Il-petizzjonant jargumenta li l-proġett se jagħmel ħsara kbira lis-sit u li ma messux ġie approvat, hekk kif urew l-opinjoni esperti li ma ġewx segwiti. Il-petizzjonant jirreferi wkoll għall-impatt negattiv tal-proġett fuq assi ambjentali u kulturali oħra fiż-żona u fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq attivitajiet oħra fil-qrib. Konsegwentement, qiegħed jintalab li l-proġett jitwaqqaf u li tiġi investigata l-legalità tal-awtorizzazzjonijiet.

Il-petizzjonant jindika li minkejja l-istqarrija li l-impatt fuq iż-żona protetta se jkun permanenti u se jibqa' jinħass għal żmien twil fin-natura, l-Ispettorat Reġjonali għall-Ambjent u l-Ilma - Veliko Tarnovo qabel mal-proposta tal-investment (Deċiżjoni Nru 13/ C-OC/2009 Nru 437/13 ta' Marzu 2009). Minkejja l-opinjoni mhux favorevoli espressa mill-bord tal-esperti, li ġie maħtur mis-sindku, u minkejja l-opinjoni tal-Espert Prinċipali tal-Muniċipalità, is-Sindku tal-Muniċipalità ta' Sevlievo awtorizza l-abbozzar tad-DSP, liema pjan għandu l-għan li jibdel l-użu tal-art agrikola f'sit adegwat għall-bini tal-impjant għall-produzzjoni tal-konkrit tal-asfalt.

### Kummenti tal-Kummissjoni dwar il-petizzjoni

Mill-informazzjoni ppreżentata fil-petizzjoni, iż-żona tal-proġett taqa' fis-Sit ta' Importanza Komunitarja "Vidima - BG0000618" magħżula għan-netwerk Natura 2000 skont id-Direttiva dwar il-Habitats 92/43/KEE<sup>1</sup>. Għalhekk, is-sit igawdi minn sistema ta' protezzjoni stabbilita skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva. B'mod partikolari, skont l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva, kwalunkwe pjan jew proġett li jista' jagħti l-każ li jkollu effett sinifikanti fuq dak is-sit tan-Natura 2000, kemm jekk ikun waħdu kif ukoll jekk ikun flimkien ma' pjanijiet u proġetti oħra, għandu jkun soġġett għal stima adegwata fir-rigward tal-oġġettivi ta' konservazzjoni tas-sit u jista' jiġi awtorizzat biss jekk jiġi żgurat li ma jaffettwax l-integrità tas-sit. Dawn ir-rekwiżiti japplikaw ukoll fil-każ tal-impjant tal-asfalt inkwistjoni u hija r-responsabilità tal-awtoritajiet kompetenti Bulgari li jikkonformaw fis-sħiħ magħhom.

Wara li ġie kkunsidrat dak li ssemma fuq, għandu jiġi nnutat li skont l-Artikolu 3(2) tad-

---

<sup>1</sup> Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa, ĠU L 206, 22.7.1992.

Direttiva 2001/42/KE<sup>1</sup> (id-Direttiva dwar is-SEA), il-pjanijiet u l-programmi, li huma ppreparati, inter alia, għall-pjanar ta' bliet u l-kampanja jew l-użu tal-art u li jstabilixxu l-qafas għall-kunsens futur għall-iżvilupp tal-proġetti elenkati fl-Annessi I u II tad-Direttiva 85/337/KEE<sup>2</sup> (id-Direttiva EIA), jew li in vista tal-effett fuq iż-żoni li x'aktarx ikun hemm, ġew stabbiliti biex jiksbu stima bis-saħħa tal-Artikolu 6 jew 7 tad-Direttiva dwar il-Habitats, huma soġġetti għal stima ambjentali.

Mill-informazzjoni li jipprovdi l-petizzjonant dwar il-bini tal-impjant tal-konkrit tal-asfalt, u b'kunsiderazzjoni tal-lista ta' proġetti fl-Anness I u II tad-Direttiva EIA, ma jidherx li l-bini tal-impjant tal-asfalt għandu jaqa' fl-ambitu tad-Direttiva EIA.

Madankollu, billi l-petizzjonant jargumenta li l-bini tal-impjant tal-asfalt se jaffettwa s-Siti tan-Natura 2000, liema bini jista' jkollu bżonn stima skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva 92/43/KEE, allura d-Direttiva dwar is-SEA hija applikabbli. Konsegwentement, il-pjanijiet u l-programmi koperti minn din huma soġġetti għal stima ambjentali matul il-preparazzjoni tagħhom u qabel l-adozzjoni tagħhom. Id-Direttiva dwar is-SEA hija ta' natura proċedurali. Il-proċedura tinkludi l-preparazzjoni ta' rapport ambjentali, li fih jiġu identifikati l-effetti sinifikanti li x'aktarx ikun hemm fuq l-ambjent u l-alternattivi raġonevoli. Il-konsultazzjonijiet mal-pubbliku u mal-awtoritajiet, li għandhom responsabilità ambjentali speċifika, huma obligatorji. Ir-riżultati tal-konsultazzjoni mal-pubbliku u tar-rapport ambjentali għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fil-proċedura tat-teħid tad-deċiżjonijiet fir-rigward tal-pjan jew programm rispettiv.

Il-petizzjonant ma jgħidx jekk id-DSP ġiex soġġett għal stima ambjentali skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar is-SEA.

Il-Kummissjoni tindika li d-Direttiva dwar il-Habitats ma tipprojbixxix l-iżvilupp ta' attivitajiet ekonomiċi fi ħdan sit tan-Natura 2000. Madankollu, id-deċiżjoni dwar kwalunkwe żvilupp ġdid għandha tiġi bbażata fuq stima xierqa u għandha tikkonforma bis-sħiħ mad-dispożizzjonijiet imsemmija qabel tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva. Mill-informazzjoni provduta mill-petizzjonant, wieħed ma jistax jikkonkludi li saret stima xierqa.

#### Konklużjonijiet

Sabiex tkun tista' tinvestiga adegwament dak li qal il-petizzjonant, il-Kummissjoni se tikkuntattja lill-awtoritajiet Bulgari sabiex tiġbor informazzjoni dwar il-konformità mal-leġislazzjoni ambjentali applikabbli tal-UE, partikolarment mad-Direttivi 92/43/KEE u 2001/42/KE. Hija għandha titlob ukoll lill-petizzjonant biex jipprovdi evidenza aktar speċifika fir-rigward tad-dannu potenzjali lis-sit tan-Natura 2000 ikkonċernat.

**4. Risposta (RIV.) tal-Kummissjoni** għall-petizzjonijiet 1788/2009 u 0634/2010, li waslet fid-29 ta' Marzu 2011.

<sup>1</sup> Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent, ĠU L 197, 21.7.2001.

<sup>2</sup> Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE, ĠU L 175 05.07/85, emendata mid-Direttiva tal-Kunsill 97/11/KE, ĠU L 73, 14.03.97, emendata mill-Parlament Ewropew u d-Direttiva tal-Kunsill 2003/35/KE, ĠU L 156, 25.06.03, emendata mill-Parlament Ewropew u d-Direttiva tal-Kunsill 2009/31/KE, ĠU L 140, 5.6.09

Kif ġie konkluż fil-komunikazzjoni preċedenti, sabiex tiġbor informazzjoni aktar preċiża u tinvestiga adegwament il-konformità tal-iżvilupp imsemmi hawn fuq mal-leġislazzjoni ambjentali applikabbli tal-UE, u partikolarment mad-Direttivi 92/43/KEE u 2001/42/KE, il-Kummissjoni kkuntattjat lill-awtoritajiet Bulgari fl-1 ta' Lulju 2010, u fit-30 ta' Ġunju 2010 baġtet titlob lill-petizzjonant jimla l-formola ta' lment.

L-awtoritajiet Bulgari wieġbu fl-14 ta' Settembru 2010 iżda l-Kummissjoni s'issa għadha ma rċeviet l-ebda tweġiba mingħand il-petizzjonant.

Mill-informazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet, il-Kummissjoni tista' tikkonkludi li:

- Fir-rigward tal-konformità tal-proġett għall-impjant għall-produzzjoni ta' konkrit tal-asfalt mar-rekwiżiti tad-Direttiva tal-Habitats 92/43/KEE, l-awtoritajiet reġjonali ħarġu d-Deċiżjoni Nru 13/C-OC/2009 li kkonkludiet li l-iżvilupp mhux se jkollu impatt kbir fuq il-habitats u l-ispeċi li jinsabu fis-Sit ta' Importanza Komunitarja "Vidima - BG0000618". Mill-informazzjoni mogħtija, il-ġonta raba' għall-kostruzzjoni u l-operat tinsab barra u 'l bogħod mil-post tal-habitats protetti. Id-Deċiżjoni stabbilixxiet ukoll xi kundizzjonijiet u miżuri ta' mitigazzjoni, li għandhom jiġu rispettati u implimentati. Barra minn dan, il-proġett ma kienx is-suġġett ta' xi appell amministrattiv jew ġudizzjarju.

- Fir-rigward tal-applikazzjoni tad-Direttiva dwar is-SEA, il-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet jipprovdu kjarifiki ulterjuri dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva SEA fir-rigward tal-pjan strutturali dettaljat (DSP).

### *Konklużjoni*

Il-Kummissjoni se tirrapporta dwar ir-risposta ulterjuri mill-awtoritajiet Bulgari dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar is-SEA.

## **5. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fis-16 ta' Diċembru 2011**

Kif ġie konkluż fil-komunikazzjoni preċedenti, l-aħħar kwistjoni li trid tiġi ċċarata rigward il-konformità tal-proġett għall-kostruzzjoni ta' impjant tal-asfalt fil-viċinanza ta' Sevlievo mal-acquis ambjentali tal-UE kienet jekk il-pjan strutturali dettaljat hux konformi mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/42/KE (id-Direttiva SEA). Il-Kummissjoni talbet informazzjoni addizzjonali mingħand l-awtoritajiet Bulgari rigward dan. Wara li analizzat ir-risposta tal-Bulgarija, il-Kummissjoni tista' tikkonkludi li m'hemm l-ebda obbligu li titwettaq valutazzjoni skont id-Direttiva SEA fir-rigward tal-pjan strutturali dettaljat:

- Is-suġġett uniku ta' dan il-pjan kien il-bini tal-impjant tal-konkrit tal-asfalt, li mhux imniżżel fl-Annessi I u II tad-Direttiva EIA. Għaldaqstant, l-Artikolu 3.2(a) tad-Direttiva SEA ma japplikax;
- Mhux meqjus li l-pjan għandu impatt sinifikanti fuq is-Sit ta' Importanza Komunitarja "Vidima - BG0000618" u għaldaqstant valutazzjoni skont l-Artikolu 6 jew 7 tad-Direttiva dwar il-Habitats ma kinitx meħtieġa. Għaldaqstant, l-Artikolu 3.2(b) tad-Direttiva SEA ma japplikax.

Il-Kummissjoni, għaldaqstant, tqis li l-proġett għall-konstruzzjoni ta' impjant tal-asfalt fil-lokalità ta' Chakala ma jiksirx il-liġi ambjentali tal-UE.